

Brussell, 2 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9934/17

POLGEN 83

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Avvanz fl-Aġenda Strateġika Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Lulju 2017 - 31 ta' Diċembru 2018)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż il-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill, imħejji mill-Presidenzi futuri tal-Estonja, il-Bulgarija u l-Awstrija u r-Rappreżentant Għoli, President tal-Kunsill Affarijiet Barranin.

I. INTRODUZZJONI

It-tliet Presidenzi ser iħabirku biex jinstabu soluzzjonijiet komuni sabiex jinbena ġejjieni komuni. Jeħtieġ li ntejbu l-komunikazzjoni maċ-ċittadini u l-involvement tagħhom, u li nikkonċentraw fuq l-aspettattivi tagħhom, b'mod partikolari fl-impjiegi, it-tkabbir u s-sigurtà. Dan il-programm ta' 18-il xahar jipprovdi aġenda li tħares 'il quddiem u tikkonċentra fuq l-aspettattivi taċ-ċittadini sabiex nindirizzaw flimkien l-isfidi komuni tagħna, insaħħu l-fiduċja fl-Unjoni Ewropea, inqarrbuha lejn iċ-ċittadini u - waqt li nirrispettaw il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar - nissimplifikaw il-ħajja u n-negozju billi niksbu riżultati konkreti. L-enfasi u l-prijoritajiet tal-programm jirriflettu l-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew u l-inizjattivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2017. F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Ruma, it-tliet Presidenzi ser jipproċedu wkoll bid-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-UE b'27 stat membru.

II. UNJONI GĦALL-IMPJIEGI, IT-TKABBIR U L-KOMPETITTIVITÀ

L-Ewropa qiegħda gradwalment tirkupra mill-kriżi. L-ekonomija Ewropea qed jikber b'pass moderat u l-qgħad qed jonqos bil-mod il-mod. Madankollu, il-kuntest internazzjonali huwa ddominat minn inċertezzi u kwistjonijiet imqanqla mill-globalizzazzjoni u t-tibdil teknoloġiku. F'dinja li qed tinbidel malajr, jeħtieġ li l-Unjoni taħtaf l-opportunitajiet li ġejjin u toħloq il-kundizzjonijiet għal Ewropa li tadatta għal ċirkostanzi ġodda, tħares il-mod tal-għajxien tagħna u tikseb progress ekonomiku u soċjali għal kulħadd. It-tisħiħ tal-investment, kemm pubbliku kif ukoll privat, jibqa' kruċjali.

Is-Suq Uniku

Is-Suq Uniku Ewropew huwa wieħed mill-akbar kisbiet tal-UE u għajn mill-aktar sinifikanti ta' tkabbir ekonomiku. Minnu jgawdu l-konsumaturi, il-ħaddiema u n-negozji Ewropej, u jipprovdihom benefiċċji konkreti, b'mod partikolari titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol.

It-tliet Presidenzi ser jiffinalizzaw il-ħidma fuq l-inizjattivi u l-azzjonijiet differenti tas-Suq Uniku Diġitali (DSM). Il-kisba fil-pront ta' Suq Uniku Diġitali kompetittiv ser toffri mhux biss opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini u n-negozji billi tiftaħ il-bibien għall-innovazzjoni u t-tkabbir potenzjali, iżda wkoll toħloq l-impjiegi u trawwem il-kompetittività tal-UE. Ser tkompli wkoll il-ħidma għal aktar tisħiħ tal-aspetti l-oħra tas-Suq Uniku.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Isir progress fid-*diversi elementi tas-Suq Uniku* b'enfasi fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku, inkluż miżuri prattiċi li jinsabu fil-pakkett tal-konformità u l-proposta dwar l-infurzar u t-*tneħħija tal-ostakli li fadal* billi jitlestew id-diversi inizjattivi li jinsabu fil-pakketti dwar is-servizzi u l-prodotti kif ukoll jiġu rispettati l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, sussidjarjetà u li tiġi żgurata l-kwalità tal-leġislazzjoni.
- Faċilitazzjoni tal-*konnettività* u progress fl-iżvilupp ta' *suq uniku diġitali kompetittiv u ġust* bl-inkoraġġiment ta' *kummerċ elettroniku transkonfinali* (bejgħ ta' prodotti permezz tal-internet, provvista ta' kontenut diġitali, riforma tad-dritt tal-awtur, servizzi ta' media awdjoviżiva, kunsinna ta' pakketti) u b'ċaqliq lejn *ekonomija intelliġenti* (ċirkulazzjoni libera ta' data, rieżami tal-qafas regolatorju tat-telekomunikazzjoni, inizjattivi dwar il-liġi tal-kumpanniji) u tisħiħ tal-*fiduċja u s-sigurtà fis-servizzi diġitali* (pakkett ġdid dwar il-protezzjoni tad-data).
- Progress fis-*servizzi pubbliċi diġitali transkonfinali* bl-implimentazzjoni ambizzjuża tal-prinċipji tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern Elettroniku 2016-2020 tal-UE.
- *Intensifikazzjoni tal-adozzjoni tal-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji* għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (*e-IDAS*) sabiex jiżdied l-użu transkonfinali u transettoralji tal-identifikazzjoni elettronika (*e-ID*) inkluż ID mobbli u servizzi fiduċjarji għal negozji diġitalment abilitati kif ukoll fis-settur pubbliku.

- *Isir avvanz fir-rieżami tal-ENISA u l-aġġornament tal-istrateġija dwar iċ-ċibersigurtà.*
- Progress fid-direzzjoni ta' *sistema ta' trasport* sostenibbli, ġusta, kompetittiva u sikura (pakkett dwar il-mobbiltà/inizjattivi dwar it-toroq)
- Ġlieda kontra l-*frodi tat-taxxa* u żgurar ta' *tassazzjoni ġusta u effiċjenti* (inkluż bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKT), regoli dwar l-iżvelar għall-intermedjarji, sistema definittiva tal-VAT, il-VAT fuq kummerċ elettroniku u inizjattivi relatati).

Intraprenditorija u ħolqien ta' impjiegi

In-nies b'mentalità intraprenditorjali, l-innovazzjoni kif ukoll l-investment fil-kapital uman, fl-edukazzjoni u fil-ħiliet huma essenzjali għal ekonomija kompetittiva bbażata fuq l-għarfien u jibqgħu prijorità għall-UE. Il-promozzjoni ta' klima ta' intraprenditorija u ħolqien ta' impjiegi tibqa' essenzjali biex tgħin lin-negozji fl-Ewropa jmorru tajjeb, speċjalment l-SMEs. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu biex jindirizzaw l-isfidi tal-ħiliet u d-diskrepanzi fil-ħiliet f'suq tax-xogħol u soċjetà li dejjem qed jinbidlu b'enfasi fuq l-impjegabbiltà, il-mobbiltà, it-tkabbir sostenibbli u l-kompetizzjoni ġusta. Għalkemm l-istatistika qed titjieb, il-livelli tal-qgħad għadhom għoljin wisq, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ u d-diżokkupati fit-tul, u l-inugwaljanzi soċjali qed jiżdiedu. It-tliet Presidenzi ser ikomplu bl-azzjoni fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażagħ.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Inkoraġġiment tal-*intraprenditorija* u l-appoġġ għall-*intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u negozji ġodda* billi jiġi żgurat aċċess għal forom alternattivi ta' finanzjament, jitrawwem l-investment fl-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, jiġi ffaċilitat l-aċċess għal prodotti ta' proprjetà intellettuali li huma ta' importanza partikolari għall-SMEs u tiġi żgurata l-applikazzjoni sistematika tal-prinċipju “aħseb l-ewwel fiż-żgħir”.
- Jissaħħu l-*ħiliet* aħjar għal kulħadd sabiex jinżammu produttività u kompetittività għolja fis-suq tax-xogħol.

- Tħejjija suffiċjenti għaż-*żgħażaġh* sabiex isiru attivi fis-suq tax-xogħol billi jiġu offruti lilhom l-aħjar edukazzjoni u taħriġ u jiġu żgurati impjiegi produttivi u ta' kwalità għaċ-ċittadini Ewropej billi jiġu sfruttati bis-sħiħ l-opportunitajiet tas-Suq Uniku.

Sostenibbiltà ambjentali

L-UE għandha fost l-ogħla standards ambjentali fid-dinja li jgħinu biex iħarsu s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u jipproteġu n-natura tagħna. It-tliet Presidenzi ser ikomplu jimplimentaw l-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli u jippromwovu “tkabbir ekoloġiku” li jista’ jkollu sehem importanti biex joħloq l-impjiegi, jixpruna l-innovazzjoni u jistimola l-investiment u b'hekk jagħmel l-UE aktar kompetittiva.

Il-qasam ta’ prijorità jinkludi l-*ekonomija ċirkolari* li tiffoka fuq inizjattivi ekoinnovattivi bil-għan ta' użu effiċjenti tar-riżorsi, tnaqqis tal-impatti ambjentali tal-produzzjoni u l-konsum, u azzjonijiet favur ambjent mhux tossiku.

Ninvestu fil-ġejjieni

L-Ewropa ser jirnexxielha biss tegħleb l-isfidi ta’ għada u żżomm bażi industrijali soda jekk tinvesti kontinwament fil-ġejjieni tagħha. L-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa u t-trawwim tal-investiment jibqgħu essenzjali. Il-baġit tal-Unjoni huwa strument essenzjali f’dan il-kuntest. It-tliet Presidenzi ser jaħdmu flimkien mill-qrib fuq il-proċess tal-baġit annwali tal-UE u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid għall-perijodu ta’ wara l-2020. Investimenti intelliġenti fil-kapital uman u l-infrastruttura transkonfinali, inkluż dik diġitali, tat-trasport u l-enerġija, f’konformità mal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, ser ikomplu jkun prijorità għat-tliet Presidenzi. Ser tingħata promozzjoni lis-sinerġiji, il-koerenza u l-konsistenza fi ħdan il-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej u bejniethom u l-fondi amministrati ċentralment.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- *Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020*, jekk il-proposta tal-Kummissjoni tiġi ppubblikata u l-kundizzjonijiet ikunu xierqa biex jibda dibattitu ġenwin.
- *Ir-rieżami settorjali ta' nofs it-terminu tal-QFP* (inkluż rieżamijiet ta' Orizzont 2020, Erasmus+, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Ewropa Kreattiva, il-proposta għas-simplifikazzjoni tar-regoli finanzjarji) li jiżgura prevedibbiltà u flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE.
- *Enfasi fuq l-investiment fit-tkabbir u l-impjiegi, inkluż ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-infrastruttura transkonfinali, il-konnettività u l-edukazzjoni* (Erasmus+, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont 2020 kif ukoll it-tnejn tad-Disa' Programm Qafas, reviżjoni taż-ŻER, b'mod partikolari l-governanza, it-tieqa tar-riċerka tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, il-Programm Qafas tal-Euratom).
- *Il-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2020* taħdem favur regoli aktar sempliċi u proporzjonati għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u ssaħħa il-komplementarjetà bejn il-fondi tal-UE.
- *Simplifikazzjoni u modernizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)* inkluż bil-ħsieb tat-tnejn għan-negozjati interistituzzjonali dwar il-parametri futura wara l-2020. Biex tkun tista' tirreaġixxi għall-iżviluppi globali, it-tibdil fil-klima jew kundizzjonijiet tat-temp estremi u biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-Ewropa, il-PAK trid tiżgura kundizzjonijiet ta' produzzjoni stabbli għall-bdiewa Ewropej, kif ukoll tikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-suq, miżuri effiċjenti ta' ġestjoni tar-riskju u għall-vitalità taż-żoni rurali.

- *Bażi industrijali* Ewropea b'saħħitha hija ta' importanza essenzjali għall-ekonomija tal-UE. It-tliet Presidenzi ser iħaddmu approċċ wiesa', olistiku u koerenti biex jiżguraw li l-industriji kollha tal-UE jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ mill-innovazzjoni diġitali.
- Fejn ikun xieraq, l-UE ser tibbenefika mill-potenzjal ta' *Strategġiji Makroreġjonali*.

Unjoni Ekonomika u Monetarja

It-tliet Presidenzi ser jieħdu ħsieb li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), inkluż billi jitkomplew l-isforzi biex titlesta l-Unjoni Bankarja u jitħaffef ir-ritmu lejn l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- Isir progress fid-dibattitu dwar l-*approfondiment tal-UEM*, filwaqt li tinżamm l-integrità tal-UE u s-Suq Uniku.
- Jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet li fadal fis-settur bankarju u titlesta u tiġi kkonsolidata l-*Unjoni Bankarja*, inkluż il-pakkett ta' riforma bankarja.
- Jiġu implimentati l-miżuri stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' *Unjoni tas-Swieq Kapitali* (li għandhom jiġu riveduti fl-2017) biex ikun komplementat is-settur bankarju u tkun provduta taħlita usa' ta' sorsi ta' finanzjament għall-ekonomija reali.

III. UNJONI LI TAWTONOMIZZA U TIPPROTEĠI LIĊ-ĊITTADINI KOLLHA TAGĦHA

Hemm sejħa ikbar għall-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali biex tqis ir-realtajiet li qed jinbidlu tas-soċjetajiet tal-Ewropa u tindirizza kwistjonijiet bħal opportunitajiet indaqs u l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-aċċess għal kwalità għolja fl-edukazzjoni u għas-suq tax-xogħol, il-mobilità tal-forza tax-xogħol u kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti kif ukoll protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli, waqt li jkunu rispettati l-kompetenzi u d-diversità tal-Istati Membri. Ser tingħata attenzjoni partikolari liż-żieda tal-populiżmu, ir-razziżmu u d-diskors ta' mibegħda u l-kompetizzjoni perċepita bejn il-prijoritajiet relatati mal-migrazzjoni u dwak mar-refuġjati. F'dan il-kuntest il-Presidenzi ser jagħtu wkoll importanza partikolari lir-rispett għall-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha. It-tliet Presidenzi ser ikomplu bl-isforzi fir-rigward tad-dimensjoni soċjali, b'mod partikolari dawk relatati ma' proposti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Presidenzi ser jippromwovu l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni. Barra minn hekk, it-tliet Presidenzi ser ikomplu jaħdmu fuq l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà anki fid-dawl tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u jqisu l-benefiċċji tal-isport f'termini ta' integrazzjoni, inklużjoni soċjali u diversità.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- *It-trattament ugwali* u nondiskriminazzjoni, promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż enfasi fuq it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-aċċessibbiltà.
- L-awtonomizzazzjoni taż-żgħażaġh u żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, inkluż bit-tmexxija tal-*Korp Ewropew ta' Solidarjeta* li joffri opportunitajiet biex tinkiseb esperjenza f'ambjent ta' xogħol reali, jiġu żviluppati kompetenzi u jingħata kontribut lis-soċjeta.

- *Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali* inkluż inizzjattivi dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja, it-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs kif ukoll dwar it-titjeb tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali; aċċess għall-protezzjoni soċjali u r-rieżami tad-direttiva dwar id-dikjarazzjoni bil-miktub.
- *Il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni* kif ukoll *l-ekwità u l-ugwaljanza fl-edukazzjoni* b'fokus fuq ħiliet trasversali li huma ta' benefiċċju għall-iżvilupp personali u l-awtonomizzazzjoni u li jrawmu koeżjoni soċjali u r-rwol tal-għalliema fl-iskejjel, il-mexxejja tal-skejjel u l-edukaturi oħra fl-appoġġ ta' dawk li jkunu qed jitgħallmu.
- L-aġġornament tar-*Regolament dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali* sabiex ikun hemm adattament għall-iżviluppi l-ġodda fl-Istati Membri.
- *Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018* li trawwem inklużjoni soċjali u fehim aħjar tal-UE permezz tal-kultura.
- Il-modifika tad-direttiva dwar *l-istazzjonar ta' ħaddiema* sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema u l-kompetizzjoni u kompetizzjoni ġusta.

IV. LEJN UNJONI TAL-ENERĠIJA B'POLITIKA DWAR IL-KLIMA LI TĦARES 'IL QUDDIEM

Li tkun mexxejja globali fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima u l-bini ta' Unjoni tal-Enerġija b'saħħitha huma prijoritajiet importanti għall-UE. It-tliet Presidenzi ser imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-modernizzazzjoni tal-ekonomija tagħna u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea. It-tliet Presidenzi għandhom l-għan li jiffinalizzaw ir-regoli tal-implimentazzjoni u s-segwitu għall-Ftehim ta' Pariġi.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- *Unjoni tal-Enerġija* sostenibbli, reżiljenti u effettiva biex tinkiseb is-sigurtà tal-enerġija permezz ta' kooperazzjoni reġjonali kif ukoll diversifikazzjoni tas-sorsi, l-fornituri u r-rotot, filwaqt li l-piż amministrattiv jinżamm baxx kemm jista' jkun, jitwettqu l-proposti leġiżlattivi tal-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, tinkiseb integrazzjoni tas-suq, b'mod partikolari ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jingħata kontribut lejn investimenti, interkonnessjoni aħjar u kooperazzjoni fi ħdan il-qafas tal-Komunità tal-Enerġija.
- *Politika dwar il-klima* li twettaq l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi u l-miri tal-UE għall-2030 li jiffokaw fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fis-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (ETS), is-setturi mhux ETS u l-avjazzjoni ETS, filwaqt li tirrifletti l-prinċipji ta' ekwità, solidarjetà u kosteffettività kif deskritt mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014. It-tliet Presidenzi ser jippromwovu mobilità u sistema tat-trasport dekarbonizzati, ekoloġiċi u li jirrispettaw is-saħħa.

V. UNJONI TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

B'kont meħud tal-impenn lejn l-abbiltà tal-Unjoni li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà, waqt li tkun garantita tweġiba miftiehma u kooperattiva għall-indirizzar tat-theddid u l-isfidi, jibqa' essenzjali t-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Il-progress fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, kemm fid-dimensjoni interna u dik esterna tagħha, ser ikun ta' prijorità għat-tliet Presidenzi. L-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi fuq żmien qasir tal-flussi migratorji reċenti kif ukoll l-aspetti fit-tul tal-migrazzjoni għandhom ikunu sostnuti, abbażi l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Iċ-ċittadini tal-UE jistennew ukoll li l-gvernijiet tagħhom jiggarrantixxu s-sigurtà tagħhom, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali. Fid-dawl taż-żieda ta' sfidi għas-sigurtà f'ambjent dinji inċert, huwa essenzjali li l-Unjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw is-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. It-tliet Presidenzi ser imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà sabiex tinbena Unjoni tas-Sigurtà ġenwina, eż. bit-tisħiħ tas-sigurtà permezz tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, il-bini ta' kunċetti bħas-sorveljanza tal-komunità, l-involvement aktar b'saħħtu tas-soċjetà ċivili, inkluż komunitajiet reliġjużi, u sistema ta' sigurtà l-iktar moderna fid-dinja reali u dik diġitali.

Il-qasam ta' prijorità jinkludi dan li ġej:

- *L-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà* u l-partijiet rilevanti tal-*Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni* li jiffokaw b'mod partikolari fuq it-titjib tal-funzjonalitajiet u l-interoperabbiltà ta' sistemi eżistenti tal-IT fuq skala kbira (Eurodac, Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali), u l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda (sistema ta' dħul u ħruġ, ETIAS), ir-rieżami tal-qafas legali tal-EU-LISA kif ukoll it-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni bejn korpi ta' infurzar tal-liġi, is-servizzi ta' sigurtà u l-Aġenziji tal-UE minn standards u proċeduri komuni ta' implimentazzjoni u l-ksib ta' kompatibbiltà teknika biex id-data eżistenti tintuża aħjar. Dan jinkludi wkoll iż-żieda tal-effettività tal-istrumenti disponibbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-ħasil tal-flus, il-kriminalità ċibernetika u dik organizzata, fost l-oħrajn bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-unitajiet ta' intervent speċjali permezz ta' ATLAS-network rinfurzat u l-implimentazzjoni taċ-ċiklu ta' politika tal-UE għal kriminalità internazzjonali organizzata u dik internazzjonali serja u miżuri għat-titjib tal-livell tal-kooperazzjoni tal-pulizija b'kont meħud tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-viċinat u l-impatt possibbli fuq is-sigurtà interna tal-Unjoni.
- *Prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti*: It-tliet Presidenzi qed jimmiraw li jkollhom approċċ komprensiv u integrat għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, li jiffoka wkoll fuq ir-rwol tal-edukazzjoni u d-djalogu interkulturali, u fuq ir-rispett u s-salvagwardja tal-valuri komuni, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

- *Migrazzjoni*: L-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni u l-iżgurar ta' tweġiba koordinata għar-rotot kollha; it-tisħiħ tal-fruntieri esterni tal-UE, l-iżgurar ta' politika ta' ritorn effettiva u l-indirizzar tal-kawżi ewlenin; it-tlestija tar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għall-bini ta' sistema ta' asil u migrazzjoni stabbli, li topera sew u ġusta b'kondiviżjoni tal-piżijiet abbażi ta' sens ġenwin ta' solidarjetà u responsabbiltà; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex ikun impedit qsim illegali tal-fruntieri u tingħata l-ġhajna lill-persuni li diġà jeħtieġu l-protezzjoni barra l-UE; il-kunsiderazzjoni tar-rwol tal-migrazzjoni legali għall-iżvilupp u l-prestazzjoni ekonomiċi tal-Unjoni, kif ukoll it-twettiq ta' Valletta, ir-reviżjoni tad-direttiva dwar il-Karta Blu; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu (qafas ta' sħubija ma' pajjiżi terzi).

- *Ġustizzja*: L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' ġustizzja elettronika u mezzi elettroniċi li jippermettu kooperazzjoni aktar effiċjenti billi jingħata aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji u tiżdied l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u dik ta' professjonijiet legali oħra fl-Istati Membri. It-tisħiħ tal-qafas legali għal protezzjoni mtejbja tal-aħjar interessi tat-tfal permezz tat-tisħiħ tar-regoli tar-responsabbiltà tal-ġenituri f'każijiet transkonfinali kif ukoll l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali tat-tfal u l-appfondiment tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tad-dritt ta' proċedura ċivili internazzjonali. Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni kontra l-korruzzjoni bejn l-Istati Membri. It-tisħiħ ulterjuri tas-sistema ta' rikonoxximent reċiproku, bi prijetà li tissaħħa l-implimentazzjoni bla xkiel u l-applikazzjoni tal-istrumenti li diġà ġew adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet ta' liġi kriminali. L-istabiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew b'saħħtu, indipendenti u effettiv sabiex tkun garantita l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-UE permezz tal-ġustizzja kriminali.

VI. L-UNJONI BĦALA ATTUR DINJI B'SAĦĦTU

L-ambjent internazzjonali tal-UE jippreżenta sfidi strateġiċi sinifikanti. Lejn in-Nofsinhar, jippersistu l-fraġilità, kunflitti u nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li fl-Lvant, l-ordni tas-sigurtà Ewropea tkompli tinkiser. Ninsabu wkoll konfrontati minn theddid bħalma huma t-terroriżmu, il-gwerra ibrida, l-attakki ċibernetiċi, il-kriminalità organizzata u l-estremiżmu vjolenti kif ukoll sfidi bħall-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin. It-tliet Presidenzi ser jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'determinazzjoni u b'appoġġ sħiħ tat-tmexxija ta' Rappreżentant Għoli/Viċi President Mogherini u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-pajjiżi sħab. Aħna ser inkunu ggwidati mill-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà, li ġiet ppreżentata lill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2016. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali ser tipprovdi qafas koerenti għar-relazzjonijiet esterni tal-UE, inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-PESK u l-PSDK, għas-snin li ġejjin. F'ambjent ta' sfida ġenerali, politika ta' tkabbir kredibbli, abbażi tal-valuri tal-UE, il-kondizzjonalità stabbilita u l-prinċipju ta' mertu proprju, tibqa' investiment fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-kontinent tagħna.

L-oqsma ta' prijorità jinkludu dan li ġej:

- *L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-ħames oqsma ta' prijorità identifikati fl-Istrateġija Globali:* 1. Is-Sigurtà tal-Unjoni tagħna, 2. Ir-Reżiljenza Statali u tas-Soċjetà, 3. Approċċ Integrat lejn il-Konflitti u l-Kriżijiet, 4. L-Ordinijiet Reġjonali ta' Kooperazzjoni u 5. Il-Governanza Globali għas-Seklu 21. Dimensjoni trasversali fi ħdan kull wieħed mill-ħames elementi kostitwenti, id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll dawk tan-nisa, il-paċi u s-sigurtà kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa ser ikompli jkunu integrati fil-politiki kollha tagħna. L-impenn u l-appoġġ attiv tagħna għal multilateraliżmu effettiv, inkluż l-istituzzjonijiet, l-istrumenti u l-prinċipji stabbiliti li jirfduha, ser jibqgħu element ċentrali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ser ikunu tema trasversali oħra għall-ħidma ta' segwitu. L-UE ser issaħħaħ ukoll il-komunikazzjoni strateġika tagħha, billi tinvesti fid-diplomazija pubblika u tgħaqqadha sabiex tkun eqreb taċ-ċittadini tal-EU u tikkomunikaha aħjar mas-sħab tagħna. Dwar is-sigurtà u d-difiża, il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016 approva livell ta' ambizzjoni komprensiv għall-UE, li huwa pass importanti. F'Marzu 2017, ġew deċiżi aktar passi sinifikanti dwar l-istrutturi tal-PSDK għall-immaniġġar ta' kriżijiet, il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, ir-Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża, l-Iżvilupp ta' Kapaċitajiet Ċivili u approvati sussegwentement mill-Kunsill Ewropew. Flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża tal-Kummissjoni Ewropea, inkluż il-proposta biex ikun stabbilit Fond Ewropew għad-Difiża, u s-segwitu għad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-NATO ta' Varsavja, dawn id-deċiżjonijiet iffurmaw pakkett usa' li t-tliet Presidenzi ser jaħdmu biex jimplimentawhom.

- *Migrazzjoni:* L-indirizzar tal-migrazzjoni jikkonċerna bosta oqsma ta' azzjonijiet esterni, inkluż is-sigurtà, id-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi, l-iżvilupp u l-ġhajjuna umanitarja. It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-approċċ dwar Qafas ta' Sħubija f'termini ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi prijoritarji attwali iżda wkoll f'termini tal-applikazzjoni bis-sħiħ tal-ispirtu tal-Qafas ta' Sħubija għal żoni ġeografiċi oħra kif meħtieġ. L-applikazzjoni ta' approċċ olistiku u mfassal fir-rigward ta' pajjiżi terzi kif deskritt fil-Qafas ta' Sħubija, biż-żieda tal-involvement fil-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant u ma' sħab fl-Afrika ta' Fuq u l-approfondiment tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ewlenin ta' orijini u transitu fl-Asja, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin ta' migrazzjoni, ser tkun ta' importanza kruċjali. F'dan ir-rigward, l-azzjonijiet tal-UE fil-Mediterran Ċentrali u ma' sħab fl-Afrika ta' Fuq, eż. il-Libja u l-ġirien mis-sub-Sahara tagħha, ser ikunu ta' prijorità, u hekk kif għandha tkun segwita ukoll kooperazzjoni msaħħa mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni u l-UNHCR. Huma meħtieġa sforzi kontinwi sabiex jitwettqu kull wieħed mill-ħames pilastri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Belt Valletta. L-assistenza umanitarja biex ikunu indirizzati l-konsegwenzi tal-kunflitt Sirjan, b'mod partikolari għall-pajjiżi ġirien, ser tissaħħaħ aktar bl-għan li tkun mmitigata t-theddida ta' riperkussjonijiet politiċi u ta' insigurtà. L-UE ser issegwi mill-qrib l-iżviluppi u l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016, u b'hekk tnaqqas l-inċentivi biex wieħed ifittex aċċess irregolari lejn l-UE, u ser tadatta miżuri fejn meħtieġ. Enfasi kontinwa fuq il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent u l-appoġġ għalihom ser jibqgħu essenzjali wkoll. Barra minn hekk, l-UE ser issaħħaħ aktar il-kooperazzjoni mal-Afganistan, il-Pakistan u l-Bangladesh rigward il-migrazzjoni, b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni reġjonali.

- *Tkabbir/Balkani tal-Punent*: Il-ġejjieni tal-Balkani tal-Punent huwa fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-proċess tat-tkabbir jirrappreżenta investiment strateġiku fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa. L-UE ser tkompli tmexxi 'l quddiem il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi, sabiex issaħħaħ ir-reżiljenza tar-reġjun u b'hekk is-sigurtà tal-UE stess. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli tmexxi 'l quddiem il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi kollha. L-għan tal-UE hu progress konkret fil-konfront tat-triq ta' kull pajjiż lejn l-UE abbażi tal-merti. L-UE ser taħdem mal-pajjiżi kollha tar-reġjun, b'enfasi fuq it-tisħiħ ulterjuri tal-istituzzjonijiet, governanza tajba, u l-istat tad-dritt; filwaqt li trawwem relazzjonijiet tajbin mal-ġirien u kooperazzjoni reġjonali inklussiva; timmitiga riskji ta' stabbiltà mill-polarizzazzjoni politika u tippromwovi żvilupp soċjoekonomiku.

- *Stabilizzazzjoni tal-viċinat Ewropew*: Fil-viċinat tan-Nofsinhar, l-oġġettiv ġenerali għadu l-istabbiltà sostenibbli fit-tul permezz ta' proċessi demokratiċi li jippromwovu governanza inklużiva abbażi tal-istat tad-dritt, waqt li tkun imsaħħa s-soċjetà ċivili u l-ġustizzja soċjali fir-reġjun. L-UE ser testendi sforzi addizzjonali biex tibda fażi għda ta' impenn ma' pajjiżi fil-viċinat tan-Nofsinhar bl-għan li jinbnew sħubijiet aktar effettivi fi ħdan il-kuntest tal-Politika Ewropea rieżaminata tal-Viċinat, ibbażata fuq differenzazzjoni msaħħa u sjieda konġunta u li tirrifletti l-importanza tal-bini tar-reżiljenza. Qed insaħħu wkoll l-impenn tagħna ma' pajjiżi li qed jimplimentaw riformi politiċi u ekonomiċi sinifikanti, ibda mit-Tuneżija, il-Ġordan, il-Marokk u l-Libanu. Wara l-konferenza internazzjonali ospitata f'April 2017 dwar il-"Futur tas-Sirja u r-Reġjun" fi Brussell, abbażi tal-Konferenza ta' Londra fl-2016 u l-konferenzi fil-Kuwajt fl-2013-2015, l-UE ser tikkontribwixxi biex jiġġeddu l-isforzi bl-għan li t-taħditiet intra-Sirjani mmoderati min-NU f'Ġinevra jingħataw aktar impetu, inkluż f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għas-Sirja. L-UE ser tkompli tintensifika l-isforzi biex il-kriżi fil-Libja tintemm u biex tassisti l-bini ta' istituzzjonijiet nazzjonali Libjani. Ser navvanzaw ukoll il-ħidma mas-sħab internazzjonali biex niġġieldu l-gruppi terroristiċi bħal Da'esh/ISIS u l-ideoloġiji totalitarjani tagħhom.

Fir-rigward tal-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, l-UE ser tkompli tfittex modi biex tavvanza s-soluzzjoni ta' żewġ stati. Fil-Lvant, l-UE ser tibqa' determinata fl-impenn tagħha lejn l-integrità territorjali, l-indipendenza u s-sovranità tal-ishaq kollha tagħha. L-UE ser tkompli timpenja ruħha mar-Russja biex jiġi diskuss in-nuqqas ta' qbil u jkun hemm kooperazzjoni jekk u fejn l-interessi tagħna huma sovrapposti. Viċinat tal-Lvant demokratiku, stabbli, prosperu u reżiljenti huwa objettiv ewlieni tal-UE. Sabiex il-kunflitt fl-Ukrajna jintemm, l-UE ser tkompli tinsisti għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk. L-approċċ tal-UE għas-Sħubija tal-Lvant ser jinbena fuq il-prinċipji maqbula fis-Summit ta' Riga tal-2015 u stipulati fir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Dan jippermetti relazzjonijiet differenzjati u mmirati mas-sħab abbażi tal-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom, u abbażi tal-interessi komuni tagħna, huwa jinkludi l-appoġġ għal sforzi ta' riforma li huma kruċjali għal soċjetajiet b'saħħithom u prosperi, inklużi l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u istituzzjonijiet demokratiċi funzjonali u b'saħħithom. Fis-summit li jmiss f'Novembru 2017 ser niddiskutu l-ħtieġa għal riforma kontinwa u stabbiltà u l-appoġġ tal-UE għal dan, kif ukoll l-aġenda għas-snin li ġejjin.

- *Tisħiħ tal-kooperazzjoni lil hinn mill-viċinat*: L-UE ser tistinka biex tmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-PESK, il-politika estera, is-sigurtà tal-enerġija, l-ekonomija u l-kummerċ mal-Istati Uniti tal-Amerka, li ser jibqa' sħab essenzjali fi kważi kull aspekt tal-azzjoni esterna tal-UE. Ser tingħata wkoll attenzjoni lill-Ftehim ta' Sħubija Strateġika u l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) mal-Kanada. Il-konklużjoni tan-negozjati fl-Asja dwar il-Ftehimiet Qafas flimkien ma' ftehimiet ta' kummerċ u ta' investiment, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika mal-Ġappun, ser tkun prijorità importanti. Fil-livell reġjonali, il-proċess ASEM, is-summit UE-CELAC (Ottubru 2017), is-Summit Afrika-UE (29-30 Novembru 2017) u l-ħidma fuq sħubija mġedda mal-pajjiżi tal-Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku joffru opportunitajiet li jgħollu l-livell tas-sħubijiet tagħna f'ambjent internazzjonali li dejjem qed jinbidel. L-UE għandha wkoll interess ġenwin fil-promozzjoni tal-istabbiltà u r-risoluzzjoni paċifika tal-kunflitti fl-Asja u l-Afrika. Fl-Asja Ċentrali, l-UE qed tiffoka fuq il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u l-governanza t-tajba biex issaħħaħ l-istabbiltà tar-reġjun f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali. L-UE ser tkompli tappoġġa riformi Afgani u l-istabbilizzazzjoni Afgana f'konformità mal-Ftehim ta' Kooperazzjoni UE-Afganistan dwar l-Isħubija u l-Iżvilupp u l-Istrateġija futura Afganistan. Ser insaħħu wkoll l-isħubijiet diġà stabbiliti sew mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU, organizzazzjonijiet reġjonali bħall-ASEAN, u atturi globali eżistenti u emerġenti importanti bħall-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, il-Messiku u l-Afrika t'Isfel. Fil-livell dinji, l-UE ser tibqa' impenjata li taħdem attivament lejn it-tisħiħ u l-universalizzazzjoni tat-trattati u r-reġimi multilaterali għad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi.

- *Żvilupp: Politika u Kooperazzjoni*: huma elementi esterni tal-Azzjoni Esterna tal-UE u ser jikkonċentraw fuq l-implimentazzjoni tas-17-il għan ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli f'konformità mal-kunsens Ewropew il-ġdid għall-iżvilupp. Il-ħidma preparatorja dwar l-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna wara l-2020 ser tibda, b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda mir-rieżami ta' nofs il-perijodu. Is-segwitu għall-ewwel Summit Umanitarju Dinji għandu jikkonċentra fuq it-titjib tar-rabta tal-ghajjnuna umanitarja fiż-żmien qasir mal-kooperazzjoni fit-tul għall-iżvilupp. L-UE ser taħdem fuq tweġiba umanitarja effettiva b'attenzjoni speċjali għall-ispostament fit-tul u r-reżiljenza.

- *Kummerċ*: Is-sentiment dejjem ikbar kontra l-globalizzazzjoni, li joħroġ mill-ispettru politiku kollu kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE, qiegħed jagħmilha aktar diffiċli għall-gvernijiet biex juru liċ-ċittadini, il-ħaddiema u l-konsumaturi l-benefiċċji ta' kummerċ li jkun miftuħ u msejjes fuq ir-regoli. It-tliet Presidenzi ser isaħħu l-messaġġ li l-kummerċ jista' jikkontribwixxi għaż-żamma tal-istandards ta' għajxien għolja li ċ-ċittadini tal-UE jgawdu minnhom illum u jikkonfermaw l-impenn tal-UE għal aġenda kummerċjali u ta' investiment ambizzjuż u progressiva, li tippromwovi tkabbir u żvilupp inklussiv u sostenibbli. Barra minn hekk, għandha tkun konkluża l-ħidma fuq għodda kompatibbli mad-WTO għall-indirizzar ta' Prattiki kummerċjali inġusti u distorsjonijiet fis-suq. Bħala attur globali, l-UE għandha rwol importanti x'taqdi biex issawwar il-globalizzazzjoni u tiżgura li l-gruppi kollha fis-soċjetà jibbenefikaw, billi tiegħu t-tmexxija tad-WTO f'idejha u kif ukoll permezz tan-negozjati ta' ftehimiet plurilaterali u bilaterali ambizzjużi, bilanċjati u komprensivi. L-aġenda kummerċjali tal-UE għandha tfittex li tiftaħ is-swieq, b'mod li jsaħħaħ kondotta responsabbli tan-negozju u governanza globali dwar kwistjonijiet bħalma huma d-drittijiet tax-xogħol, il-protezzjoni ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem. Dan ifisser l-insegwiment tal-proċess ta' riflessjoni li għaddej bħalissa dwar kif għandhom ikunu indirizzati l-ftehimiet kummerċjali l-ġodda. Opportunitajiet konkreti li jiġġustifikaw il-kummerċ bħala mutur ta' tkabbir li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u inklussiv ser tkun il-ħidma kontinwa dwar ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' reġjuni u pajjiżi madwar id-dinja.

=====